32006D0578

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Awwissu 2006

dwar il-miżuri ta' emerġenza li jirrigwardaw l-organizmu ġenetikament modifikat mhux awtorizzat LL RICE 601 prodotti tar-ross

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3863)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/578/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistipula l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi ta' l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel u jistipula proċeduri fi kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 53(2) l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikoli 4(2) u l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 [2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat jipprevedu li ebda ikel jew għalf ġenetikament modifikat ma għandu jitqiegħed fis-Suq tal-Komunità sakemm ma jkunx kopert minn awtorizzazzjoni mogħtija f'konformità ma' dan ir-Regolament. L-Artikoli 4(3) u l-Artikolu 16(3) ta' l-istess Regolament jistipulaw li ebda ikel u għalf ġenetikament modifikat mhu se jkun awtorizzat sakemm ma jiġix muri b'mod adegwat u biżżejjed li ma jkollux effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa ta' l-annimali jew l-ambjent, li ma jqarraqx bil-konsumatur jew l-utent, u li ma jkunx differenti mill-ikel u għalf li maħsub jissostitwixxi sa tal-punt li l-konsum normali tiegħu jkollu żvantaġġi nutrizjonali għall-bniedem u għall-annimali.

(2) Fit-18 ta' Awissu 2006, l-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika (l-Awtoritajiet ta' l-SU) informaw lill-Kummissjoni li l-prodotti tar-ross ikkontaminati bir-ross ġenetikament modifikat bl-isem "LL RICE 601" (il-prodotti kkontaminati), li ma ġewx awtorizzati li jitqiegħdu fis-suq tal-Komunità, instabu fil-kampjuni ta' ross li ttieħdu mis-suq ta' l-Istati Uniti minn ross tawwali (long grain) fil-kummerċ li jifforma parti mill-ħsad ta' l-2005. Il-kontaminazzjoni tal-prodotti ġie rrappurtat lill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti fil-31 ta' Lulju 2006 minn Bayer Crop Science, li hija l-kumpanija li tiżviluppa r-ross ġenetikament modifikat LL RICE 601. L-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti informaw ulterjormaent lill-Kummissjoni li għadu mhux magħruf safejn ġiet ikkontaminata l-katina tal-provvista u li tagħrif dwar kontaminazzjoni possibbli ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità għadu ma jistax jingħata għalissa. Apparti dan, informaw lill-Kummissjoni li dawn il-prodotti lanqas fl-Istati Uniti ma kienu awtorizzati għat-tqegħid fis-suq.

(3) Minħajr preġudizzju għall-obbligi ta' kontroll ta' l-Istati Membri, il-miżuri li għandhom jiġu adottati aktar 'il quddiem għall-importazzjoni ta' prodotti kkontaminati għandhom jiksbu approċċ komprensiv u komuni li jippermetti li tittieħed azzjoni rapida u effettiva u tevita differenzi bejn it-trattament tas-sitwazzjoni mill-Istati Membri differenti.

(4) L-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jipprovdi għall-possibilità li jiġu adottati miżuri ta' emerġenza xierqa tal-Komunità għall-ikel u għalf importat minn pajjiż terz sabiex tiġi mħarsa is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa ta' l-annimali jew l-ambjent, meta r-riskju ma jkunx jista' jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri kkonċernati.

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[2] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

(5) Peress li r-ross ġenetikament modifikat LL RICE 601 mhuwiex awtorizzat taħt il-leġiżlazzjoni tal-Komunità u minħabba s-suppożizzjoni ta' riskju fuq prodotti mhux awtorizzati skond ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003, li jqis il-prinċipju ta' prekawzjoni stipulat fl-Atrikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, huwa xieraq li jittieħdu miżuri ta' emerġenza sabiex jiġi evitat it-tqegħid fis-suq fil-Komunità tal-prodotti kkontaminati.

(6) Skond ir-rekwiżiti ġenerali stipulati fir-Regolament (KE) Nru 178/2002, l-operaturi kummerċjali ta' l-ikel u l-għalf għandhom ir-responsabbiltà legali primarja biex jiżguraw li l-ikel u l-għalf fi ħdan in-negozji taħt il-kontroll tagħhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi ta' l-ikel u biex jivverifikaw li jintlaħqu tali rekwiżiti. Huma għalhekk l-operaturi responsabbli għall-ewwel tqegħid ta' l-ikel u l-għalf fis-suq li għandhom ikunu fid-dover li jippruvaw li ma fihomx il-prodotti kkontaminati. Għal dan il-għan, il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jeħtieġu li l-konsenji ta' prodotti speċifiċi li jorġinaw mill-Istati Uniti jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk jiġi pprovdut rapport analitiku li juri li l-prodotti mhumiex ikkontaminati bir-ross ġenetikament modifikat LL RICE 601. Ir-rapport analitiku għandu jinħareġ minn laboratorju akkreditat skond standards rikonoxxuti internazzjonalment.

(7) Sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli, l-ikel u l-għalf kollu ġenetikament modifikat imqieghed fis-suq għandu jkun suġġett għal metodu ta' sejba vvalidat. Bayer Crop Science ġiet mitluba tipprovdi metodi biex jinstab ir-ross ġenetikament modifikat LL RICE 601 kif ukoll kampjuni ta' kontroll. Żewġ metodi saru disponibbli minnha li ġew ivvalidati mill-*Grain Inspection, Packers and Stockyards Administration (GIPSA)* tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ta' l-Istati Uniti, b'kollaborazzjoni mal-laboratorju ta' referenza tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 (is-CRL).

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom ikunu proporzjonati u ma jirrestrinġux il-kummerċ aktar milli meħtieġ u għandhom għalhekk ikopru prodotti biss li probabbli ġew ikkontaminati bir-ross ġenetikament modifikat LL RICE 601, li skond it-tagħrif miksub huma importati mill-Istati Uniti lejn il-Komunità.

(9) Minkejja talbiet magħmula mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti ma setgħux jipprovdu kwalunkwe garanzija li l-prodotti tar-ross importati mill-Istati Uniti mhux se jkun fihom LL RICE 601, minħabba n-nuqqas ta' miżuri ta' segregazzjoni jew traċċabilità fl-Istati Uniti.

(10) F'dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti ta' l-għalf u prodotti ta' l-ikel mhux koperti mill-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jissorveljaw jekk tali prodotti ġewx ikkontaminati mil-LL RICE 601. Fuq il-bażi tat-tagħrif ipprovdut mill-Istati Membri, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-bżonn ta' kwalunkwe miżura adattata.

(11) Skond l-Artikolu 53(2), l-ewwel subparagrafu l-Istati Membri ġew informati bil-quddiem dwar il-miżuri maħsuba.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Firxa ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tapplika għall-prodotti li ġejjin li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika.

— Ross bla ħliefa (*brown*) Mogħti nofs tgħollija (*parboiled Long A) fi ħdan il-kodiċi* NM 1006 20 15,

— Ross bla ħliefa (*brown*) Mogħti nofs tgħollija (*parboiled Long B*) fi ħdan il-kodiċi NM 1006 20 17

— Ross bla ħliefa (*brown*) (*Long A*) fi ħdan il-kodiċi NM 1006 20 96,

— Ross bla ħliefa (*brown*) (*Long B*) fi ħdan il-kodiċi NM 1006 20 98,

— ross nofsu miṫhun (*parboiled Long A)* fi ħdan il-kodiċi NM 1006 30 25,

— ross nofsu miṫhun (*parboiled Long B)* fi ħdan il-kodiċi NM 1006 30 27,

— ross nofsu miṫhun (*Long A)* fi ħdan il-kodiċi NM 1006 30 46,

— ross nofsu miṫhun (*Long B)* fi ħdan il-kodiċi NM 1006 30 48,

— ross miṫhun kollu (*parboiled Long A)* fi ħdan il-kodiċi NM 1006 30 65,

— ross miṫhun kollu (*parboiled Long B)* fi ħdan il-kodiċi NM 1006 30 67,

— ross miṫhun kollu (*Long A)* fi ħdan il-kodiċi NM 1006 30 96,

— ross miṫhun kollu (*Long B)* fi ħdan il-kodiċi NM 1006 30 98,

— ross imfarrak fi ħdan il-kodiċi 1006 40 00 sakemm mhux iċċertifikat ħieles mir-ross tawwali (*long grain*).

Artikolu 2

Kondizzjonijiet għall-ewwel tqegħid fis-suq

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu l-ewwel tqegħid fis-suq tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 biss meta rapport analitiku oriġinali bbażat fuq metodu ta' sejba xieraq u vvalidat tar-ross ġenetikament modifikat LL RICE 601 u maħruġ minn laboratorju akkreditat li jakkumpanja l-konsenja juri li l-prodott ma jkunx fih ir-ross ġenetikament modifikat LL RICE 601.

Jekk konsenja ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 tinqasam, kopja ċċertifikata tar-rapport analitiku prevista fil-paragrafu 1 għandha takkumpanja kull parti tal-konsenja maqsuma.

2. Fin-nuqqas ta' tali rapport analitiku, l-operatur stabbilit fil-Komunità li huwa responsabbli għall-ewwel tqegħid fis-suq tal-prodott għandu jkollu l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 ttestjati biex juri li ma fihomx ir-ross ġenetikament modifikat LL RICE 601. Fl-istennija tad-disponibilità tar-rapport analitiku, il-konsenja ma għandhiex titqiegħed fis-suq tal-Komunità.

3. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'riżultati pożittivi (mhux favorevoli) permezz tar-*Rapid Alert System* għall-ikel u l-għalf.

Artikolu 3

Miżuri oħra ta' kontroll

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adattati, li jinkludu t-teħid ta' kampjuni każwali u analiżi, rigward il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 li diġà jinsabu fis-suq sabiex jiġi aċċertat l-assenza ta' ross ġenetikament modifikat LL RICE 601. Għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'riżultati pożittivi (mhux favorevoli) permezz tar-*Rapid Alert System* għall-ikel u l-għalf.

Artikolu 4

Konsenji kkontaminati

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 li jinsabu li jkollhom ir-ross ġenetikament modifikat LL RICE 601 ma jitqegħdux fis-suq.

Artikolu 5

Irkupru ta' l-ispejjeż

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż imġarrba fl-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 2 u 4 jaqgħu fuq l-operaturi responsabbli li qiegħdu l-ewwel dan il-prodott fis-suq.

Artikolu 6

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-23 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni